DIPARTIMENT TAD-DWANA

Avviż ta' Struzzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana lis-Sidien tal-Lukandi, Ristoranti, Bars, Supermarkets, Confectioneries, Ħwienet tal-Merċa, Klabbs u Kwalunkwe Ħwienet oħra li Jbigħu l-Alkoħol u x-Xorb Alkoħoliku li Jkollhom Livell ta' Alkoħol minn 10% sa 24% (ABV) (Dan ma japplikax għal birra u nbid magħmul minn għeneb frisk)

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi kull kontenitur li jesa' 50cl jew iktar, kemm jekk huwa magħmul minn ħġieġ, kartun jew kwalunkwe materjal ieħor, u għandu fih livell ta' alkoħol minn 10% sa 24% (ABV), Issa GĦANDU jkollu bolla tas-sisa (kif muri) imwaħħla miegħu.

CUSTOMS DEPARTMENT

Important Notice by Customs Department to all Hotel owners, Restaurants, Bars, Supermarkets, Grocers, Confectioneries, Clubs and any other Retail Outlets which Sell Alcohol and Alcoholic Beverages of Alcohol Strength 10% up to 24% (ABV) (This does not apply to beer and wine of fresh grapes)

The Customs Department notifies that each and every container of 50cl capacity or above, whether it is made of glass, carton or any other material, which contains alcohol of 10% up to 24% alcohol strength (ABV), MUST now have the type of excise duty band (as shown hereunder) affixed to it:



Il-parti t-tonda tal-bolla għandha titwaħħal fuq it-tapp u l-parti rettangolari għandha titwaħħal u titniżżel għal mal-kontenitur, b'tali mod li meta l-kontenitur jinfetaħ, il-bolla tas-sisa tiġi mqattgħa.

Il-bolla tas-sisa, għandha titwaħħal mal-kontenitur rispettiv fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mix-xiri tagħha.

Kull tip ta' prodott tal-alkoħol misjub fil-pussess ta' xi persuna li tkun qed tikser ir-regolamenti kif stipulat fl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382) għandu, mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra pprovduta taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, jiġi kkonfiskat. Għalhekk, id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi mill-1 ta' Ottubru, 2019, jekk uffiċjali tas-sisa u/jew uffiċjali tal-infurzar, jagħmlu spezzjonijiet biex jiċċekkjaw li dawn il-kontenituri qed jintwerew għall-bejgħ skont l-att imsemmi, u dawn jinstabu mingħajr l-imsemmijin bolol tas-sisa, dawn jiġu kkonfiskati minnufih.

L-ebda bolla tas-sisa m'għandha titħalla mhux imwaħħla fil-ħwienet. Bolol tas-sisa mhux użati għandhom jittieħdu lura lid-Dipartiment tad-Dwana fi żmien sebat (7) ijiem ta' xogħol mill-perjodu li jkunu inxtraw.

Għalhekk, sabiex ikun evitat kwalunkwe ksur ta' liġi, id-Dipartiment tad-Dwana se jkun qiegħed ibigħ dawn il-bolol tas-sisa mill-15 ta' Lulju, 2019 sat-30 ta' Settembru, 2019.

The round part is to be affixed on the cap and the rectangular part is to be affixed going down on to the container, in such a way that when the container is opened, the destruction of the excise duty band is ensured.

The excise duty band, within five (5) working days from its purchase, shall be affixed to the respective container.

Any quantity of ethyl alcohol products found in the possession of any person in contravention to the provisions of the regulations as stipulated in the Excise Duty Act (Chapter 382) shall, without prejudice to any other penalty provided for under the Act or any other law, be forfeited to Government. Therefore, the Customs Department notifies that as from the 1st October 2019, if Excise Officers and/or Enforcement Officers will conduct spot on inspections to check that such containers are displayed for sale according to the said Act, and these are found without said excise duty band, these will be confiscated forthwith.

No excise duty bands should be left unaffixed at the retail outlet's premises. Non-used excise duty bands should be returned to Customs Department within seven (7) working days after these were bought.

Therefore, in order to avoid any infringements, the Customs Department will sell these excise duty bands from the 15th of July 2019 until the 30th September 2019.

Il-prezz ta' kull bolla tas-sisa huwa 2c5 (inkluża l-VAT) ta' ewro.

Dawn il-bolol tas-sisa jistgħu jinxtraw minn: Alcohol Products Unit, Customs Annex B, 2nd Floor, Lascaris Wharf, Il-Belt Valletta VLT 1920. (ħdejn il-lift tal-Barrakka ta' Fuq).

Numri tat-telefown: 25685264/25685294/25685200
Ħinijiet tal-ftuħ: 8.00 a.m. - nofsinhar

Is-sidien tal-lukandi, ristoranti, bars, supermarkets, confectioneries, ħwienet tal-merċa, klabbs u kwalunkwe ħwienet oħra li jbigħu l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku li jkollhom livell ta' alkoħol minn 10% sa 24% (ABV), iridu jagħmlu inventarju tal-kontenituri rispettivi u jixtru għalihom il-bolol tas-sisa, b'dikjarazzjoni ffirmata li se tkun ipprovduta mid-Dipartiment tad-Dwana fil-jum tax-xiri tal-bolol tas-sisa.

Biex tagħraf timxi

L-10 ta' Settembru, 2019

Cost of each excise duty band: 2c5 (including VAT) of a euro.

These excise duty bands can be purchased from: Alcohol Products Unit, Customs Annex B, 2nd Floor, Lascaris Wharf, Valletta VLT 1920 (next to Upper Barrakka lift).

Telephone numbers: 25685264/25685294/25685200
Opening times: 8.00 a.m. - noon

All hotel owners, restaurants, bars, supermarkets, grocers, confectioneries, clubs, and any other retail outlets which sell alcohol and alcoholic beverages of alcohol strength 10% up to 24% (ABV) must take stock of these respective containers and buy for them the relative excise duty bands against a signed declaration provide by Customs Department on the day of purchase of such excise duty bands.

Kindly be guided accordingly.

10th September, 2019

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Avviż ta' Struzzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana lid-Destinatarji/Konsenjaturi Reġistrati mad-Direttorat tas-Sisa (Dan ma japplikax għal birra u nbid magħmul minn għeneb frisk)

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi kull kontenitur li jesgħa 50cl jew iktar, kemm jekk huwa magħmul minn ħġieġ, kartun jew kwalunkwe materjal ieħor, u għandu fih livell ta' alkoħol minn 10% sa 24% (ABV), Issa GĦANDU jkollu bolla tas-sisa (kif muri) imwaħħla miegħu.

Il-parti tonda tal-bolla għandha titwaħħal fuq it-tapp u l-parti rettangolari għandha titwaħħal u titniżżel għal mal-kontenitur, b'tali mod li meta l-kontenitur jinfetaħ, il-bolla tas-sisa tiġi mqattgħa. Il-bolla tas-sisa għandha titwaħħal mal-kontenitur rispettiv fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mix-xiri tagħha.

CUSTOMS DEPARTMENT

Important Notice by Customs Department to all Excise Registered Consignees/Consignors (This does not apply to beer and wine of fresh grapes)

The Customs Department notifies that each and every container of 50cl capacity or above, whether it is made of glass, carton or any other material, which contains alcohol of 10% up to 24% alcohol strength (ABV), MUST now have the type of excise duty band (as shown hereunder) affixed to it.

The round part is to be affixed on the cap and the rectangular part is to be affixed going down on to the container, in such a way that when the container is opened, the destruction of the excise duty band is ensured. The excise duty band, within five (5) working days from its purchase, shall be affixed to the respective container.



Kull tip ta' prodott tal-alkoħol misjub fil-pussess ta' xi persuna li tkun qed tikser ir-regolamenti kif stipulat fl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382), għandu mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra pprovduta taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, jiġi kkonfiskat. Għalhekk, id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi mill-1 ta' Ottubru, 2019, jekk uffiċjali tas-sisa u/jew uffiċjali tal-infurzar, jagħmlu spezzjonijiet biex jiċċekkjaw li dawn il-kontenituri qed jintwerew għall-bejgħ skont l-att imsemmi, u dawn jinstabu mingħajr l-imsemmi bolol tas-sisa, dawn jiġu kkonfiskati minnufih.

Xorb li diġà jinsab fis-suq u għandu l-bolla tas-sisa tal-fidda jew il-bolla tas-sisa s-safra l-ġdida mingħajr il-kitba tal-ABV 10-24%, xorta waħda se titqies valida wara l-1 ta' Ottubru, 2019.

Id-Destinatarji/Konsenjaturi reġistrati mad-Direttorat tas-Sisa għandhom iħejju inventarju ta' dawk il-kontenituri li fihom livell ta' alkoħol inqas minn 25% u jgħaddu l-informazzjoni lid-Dwana. B'hekk id-Dwana tkun tista' tagħti struzzjonijiet lil OpSec Security Ltd biex tipprovdi l-bolol tas-sisa l-ġodda għal dawn il-kontenituri.

Biex tagħraf timxi.

L-10 ta' Settembru, 2019

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Avviż ta' Struzzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana lill-Operaturi ta' Mħażen li Jżommu Prodotti Taħt Sospensjoni ta' Taxxi (Dan ma japplikax għal birra u nbid magħmul minn għeneb frisk)

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi kull kontenitur li jesgħa 50cl jew iktar, kemm jekk huwa magħmul minn ħġieġ, kartun jew kwalunkwe materjal ieħor, u għandu fih livell ta' alkoħol minn 10% sa 24% (abv), Issa GĦANDU jkollu bolla tas-sisa (kif muri) imwaħħla miegħu.

Any quantity of ethyl alcohol products found in the possession of any person in contravention to the provisions of the regulations as stipulated in the Excise Duty Act (Chapter 382) shall, without prejudice to any other penalty provided for under the Act or any other law, be forfeited to Government. Therefore, the Customs Department notifies that as from the 1st October, 2019, if Excise Officers and/or Enforcement Officers will conduct spot on inspections to check that such containers are displayed for sale according to the said Act, and these are found without said excise duty band, these will be confiscated forthwith.

Stock which is already in circulation and has the old silver excise duty banderol or the new yellow excise duty banderol without the writing ABV 10-24%, will still be considered valid after 1st October, 2019.

Excise Registered Consignees/Consignors will carry out a stock of said containers which contain alcohol strength of less than 25% and pass the information to Customs. Customs will in turn instruct OpSec Security Ltd to provide them with the new excise duty banderol for these items.

Kindly be guided accordingly.

10th September, 2019

CUSTOMS DEPARTMENT

Important Notice by Customs Department to all Tax Warehouse Keepers (This does not apply to beer and wine of fresh grapes)

The Customs Department notifies that each and every container of 50cl capacity or above, whether it is made of glass, carton or any other material, which contains alcohol of 10% up to 24% alcohol strength (abv), MUST now have the type of excise duty band (as shown hereunder) affixed to it:



Il-parti tonda tal-bolla għandha titwaħħal fuq it-tapp u l-parti rettangolari għandha titwaħħal u titniżżel għal mal-kontenitur, b'tali mod li meta l-kontenitur jinfetaħ, il-bolla tas-sisa tiġi mqattgħa.

Xorb li diġà jinsab fis-suq u għandhu l-bolla tas-sisa tal-fidda jew il-bolla tas-sisa s-safra l-ġdida mingħajr il-kitba tal-ABV 10-24%, xorta waħda se titqies valida wara l-1 ta' Ottubru, 2019.

L-operatur tal-maħżen li jżomm prodotti taħt sospensjoni ta' taxxi, m'għandux għalfejn iwaħħal il-bolla tas-sisa fil-ħamest (5) ijiem ta' xogħol stipulati, iżda huwa meħtieġ li jwaħħal il-bolla tas-sisa meta jittrasferixxi x-xorb mill-maħżen għas-suq lokali u/jew ibiegħ lil detentur ta' maħżen ieħor.

Nota Ġenerali

Kull tip ta' prodott tal-alkoħol misjub fil-pussess ta' xi persuna li tkun qed tikser ir-regolamenti kif stipulat fl-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382), għandu mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra pprovduta taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, jiġi kkonfiskat. Għalhekk, id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf illi mill-1 ta' Ottubru, 2019, jekk uffiċjali tas-sisa u/jew uffiċjali ta' l-infurzar, jagħmlu spezzjonijiet biex jiċċekkjaw li dawn il-kontenituri qed jintwerew għall-bejgħ skont l-att imsemmi, u dawn jinstabu mingħajr l-imsemmi bolol tas-sisa, dawn jiġu kkonfiskati minnufih.

Il-Proċedura ta' kif jinxtraw il-bolol tas-sisa għall-prodotti mqegħdin taħt sospensjoni ta' taxxa se tkun kif ġej:

Importazzjoni tal-kunsinna skont il-fattura

Kopja tal-fattura tal-kunsinna għandha tiġi mtellgħa b'mod elettroniku fil-formola provduta waqt li tkun qed tiġi pproċessata d-dikjarazzjoni tad-Dwana. Il-fattura tibqa' kunfidenzjali u mhix se tiġi mgħoddija lil terzi persuni.

L-importatur jibgħat id-dikjarazzjoni tad-Dwana lil OpSec Security Limited biex b'hekk jiskatta l-proċess tal-ordni tal-bolol tas-sisa.

Id-Dipartiment tad-Dwana se jivverifika u jikkomunika ma' OpSec Security Limited u jawtorizza l-kwantità ordnata.

L-importatur iħallas u jiġbor il-faxex tad-dazju tas-sisa minn OpSec Security Limited.

Importazzjoni ta' kunsinna koperta b'aktar minn traġitt wieħed (kwantitajiet li mhux neċessarjament jaqblu fuq il-fattura)

The round part is to be affixed on the cap and the rectangular part is to be affixed going down on to the container, in such a way that when the container is opened, the destruction of the excise duty band is ensured.

Stock which is already in circulation and has to old silver excise duty banderol or the new yellow excise duty banderol without the writing ABV 10-24%, will still be considered valid after 1st October, 2019.

A tax warehouse keeper does not need to affix the excise duty band within the stipulated five (5) working days and will be required to fix the excise duty band when transferring out of bond onto the local market and/or selling to another tax warehouse operator.

Nota Bene

Any quantity of ethyl alcohol products found in the possession of any person in contravention to the provisions of the regulations as stipulated in the Excise Duty Act (Chapter 382) shall, without prejudice to any other penalty provided for under the Act or any other law, be forfeited to Government. Therefore, the Customs Department notifies that as from the 1st October, 2019, if Excise Officers and/or Enforcement Officers will conduct spot on inspections to check that such containers are displayed for sale according to the said Act, and these are found without said excise duty band, these will be confiscated forthwith.

Upon importation, the procedure to purchase excise duty bands for items placed under tax warehouse suspension will be as follows:

Importation of consignment as per invoice

A copy of the invoice of the shipment has to be uploaded electronically in the field provided, when processing the Customs declaration. The invoice will remain confidential and will not be passed on to third parties.

The importer will forward the warehousing entry to OpSec Security Limited to start the process of excise duty bands ordering.

The Customs Department will communicate with OpSec Security Limited and authorise to release the quantity ordered.

The importer will pay and collect the excise duty bands from OpSec Security Limited.

Importation of part-consignment covered by multiple invoices (quantities not necessarily matching)

Kopja ta' kull fattura relatata mal-kunsinna, flimkien mar-Rapport tat-Tagħbija li ġiet mal-istess kunsinna, għandha tkun imtellgħa b'mod elettroniku fil-formola provduta waqt li tkun qed tiġi proċessata d-dikjarazzjoni tad-Dwana. Il-fattura tibqa' kunfidenzjali u mhix se tiġi mgħoddija lil terzi persuni.

A copy of each invoice related to the shipment together with the relative Loading Report has to be uploaded in the field provided when processing the Customs declaration. The invoice will remain confidential and will not be passed on to third parties.

L-importatur jibgħat id-dikjarazzjoni tad-Dwana lil OpSec Security Limited biex b'hekk jiskatta l-proċess tal-ordni tal-bolol tas-sisa. Importanti li jkun fih biss il-kwantitajiet attwali li ġew importati.

The importer will forward to OpSec Security Limited, the warehousing entry which will contain only the actual quantities which have been imported.

Id-Dipartiment tad-Dwana se jikkomunika ma' OpSec Security Limited u jawtorizza li jirrilaxxa l-kwantità ordnata skond d-dikjarazzjoni tad-Dwana.

The Customs Department will communicate with OpSec Security Limited and authorise to release the quantity as per warehousing entry.

L-importatur iħallas u jiġbor il-faxex tad-dazju tas-sisa minn OpSec Security Limited.

The importer will pay and collect the excise duty bands from OpSec Security Limited.

Sussegwentament importazzjonijiet tal-bqija tal-kunsinna li ma ġietx fl-ewwel traġitt se ssegwi l-istess kriterji t'hawn fuq, bl-unika differenza tkun li d-Dwana tagħmel referenza għall-fattura li kienet ġiet ippreżentata qabel matul l-ewwel parti tat-traġitt u tagħti istruzzjonijiet lil OpSec Security Limited biex tipprovdi lill-Importatur il-kwantitajiet ta' bolol li jkun fadal.

The subsequent importation of the remaining consignment will follow the same criteria as above, with the only difference being that Customs will make reference to the invoice which had been previously presented during the first part shipment and instruct OpSec Security Limited to provide the Importer with only the remaining quantities.

Trasferiment minn maħżen għal maħzen (operaturi ta' mħażen li jżommu prodotti taħt sospensjoni ta' taxxi)

Bond to bond transfer (tax warehouse operators)

L-importatur, li jimporta l-kunsinna lejn Malta, meħtieġ li jsegwi l-proċeduri mniżżla aktar 'il fuq u jixtri l-bolol tas-sisa.

The importer, importing the shipment to Malta will follow procedures above and purchase the excise duty bands.

Meta operatur ta' mħażen li jżommu prodotti taħt sospensjoni ta' taxxi qed jittrasferixxi (ibigħ) prodotti impurtati, lil operatur ta' maħżen (li jżomm prodotti taħt sospensjoni ta' taxxi) lokali ieħor, il-bolla tas-sisa għandha titwaħħal mal-flixkun.

When a tax operator is transferring (selling) imported products to another local tax operator the excise duty band has to be affixed to the bottle.

Is-sisa għandha titħallas minn dak l-operatur li jkun se joħroġ il-prodott mill-maħżen għas-suq.

Excise will be paid by whoever will be taking the stock out of the tax warehouse and placing it on the market.

Riesportazzjoni/Bejgħ Mingħajr Dazju

Re-Export/Duty-Free

L-Importatur għandhu jibgħat id-dokumentazzjoni tal-Esportazzjoni jew ta' bejgħ mingħajr Dazju lid-Dipartiment tad-Dwana (IAAD – Dokument Amministrattiv ta' Akkumpanjament Intern).

The Importer will forward the Export or Duty-Free documentation to Customs Department (IAAD – Internal Administrative Accompanying Document).

Id-Dipartiment tad-Dwana għandu jimmarka l-kwantità ta' bolol tas-sisa mhux użati bħala negattivi fuq reġistru.

Customs Department will mark the quantity of the excise duty bands as negative.

Mal-ewwel importazzjoni ta' kunsinna ġdida, id-Dipartiment tad-Dwana se jnaqqas il-bolol negattivi mill-ordni ta' Bolol għal kunsinna l-ġdida u jagħti struzzjonijiet lil OpSec Security Limited biex tipprovdi lill-Importatur il-kwantitajiet aġġustati ta' bolol tas-sisa.

Upon the first importation of a new consignment, Customs Department will deduct the negative stamps from the new order and instruct OpSec Security Limited to provide the Importer with the adjusted quantities of excise duty bands.

Importazzjoni ta' kunsinni b'bolol tas-sisa diġà mwaħħla mill-fornitur

Huwa permissibbli li jitwaħħlu bolol tas-sisa fuq il-prodotti mill-fornitur tal-prodotti.

L-importatur meħtieġ jgħarraf lid-Dipartiment tad-Dwana bil-kwantità ta' bolol tas-sisa meħtieġa. Id-Dwana tinforma lil OpSec Security Limited b'dawn il-kwantitajiet u l-importatur jiġbor u jħallas il-faxex tad-dazju tas-sisa.

L-importatur jista' jibgħat bolol tas-sisa lill-fornitur tiegħu biex jitwaħħlu mal-prodotti qabel ma l-kunsinna tintbagħat lejn Malta.

Kollezzjonijiet ta' preġju

Bolol tas-sisa għal Kollezzjonijiet ta' Preġju jistgħu jitwaħħlu fuq l-ippakkjar/kaxxi dekorattivi ta' barra minflok jitwaħħlu mal-kontenitur.

Biex tagħraf timxi.

L-10 ta' Settembru, 2019

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma flimkien mal-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarrfu illi huwa projbit parkeġġ fuq il-linji sofor temporanji fis-service road fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, il-ġurnata kollha sat-30 ta' Jannar, 2020.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma flimkien mal-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarrfu illi mhux permess parkeġġ ta' vetturi fi Triq Dun Frans Bianco u parti minn Triq il-Bajja sas-27 ta' Settembru, 2019.

L-10 ta' Settembru, 2019

ID-DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR U L-KORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET, SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI -

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020

Avviż

Id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi tal-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali jixtieq jinforma lill-applikanti prospettivi li mit-2 ta' Ottubru 2019, il-lista ta' applikanti eliġibbli kif stipulat f'Artikolu 2.3 fil-linji gwida

Importation of consignment with excise duty bands already affixed by the supplier

It is permissible to have excise duty bands already affixed on the importation of products.

The Importer will have to inform Customs Department of the quantity required. Customs will inform OpSec Security Limited of such quantities and the importer will collect and pay for the excise duty bands.

The importer will ship the excise duty bands to his supplier to be affixed prior to being shipped to Malta.

Luxury Items

Excise duty bands for Luxury Items can be affixed to the outer packaging instead of affixing it to the container.

Kindly be guided accordingly.

10th September, 2019

WATER SERVICES CORPORATION

The Water Services Corporation together with the Birkirkara Local Council notify that the stopping of vehicles on the temporary double yellow lines through the service road in Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara is prohibited all day up to 30th January, 2020.

The Water Services Corporation together with the Marsaskala Local Council notify that the stopping of vehicles through Triq Dun Frans Bianco and part of Triq il-Bajja is prohibited up to 27th September, 2019.

10th September, 2019

PLANNING AND PRIORITIES CO-ORDINATION DIVISION, PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE -

European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020

Announcement

The Director General of the Funds and Programmes Division, within the Parliamentary Secretariat for European Funds and Social Dialogue would like to inform prospective applicants that as from the 2nd October 2019, the list of eligible applicants as listed in Section 2.3 of Sub-measure